MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 49/2009

Louis Calleja

Vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-attur Louis Calleja wara illi ppremetta:

1. Illi huwa jiġi iben Luigi sive Louis Calleja illi twieled fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u sebgħa (1907) u li t-twelid tiegħu huwa rreġistrat fir-reġistru pubbliku għal Għawdex permezz ta' l-att numru ħames mija u disgħa u disgħin (599) ta' l-elf disgħa mija u sebgħa (1907).

2. Illi fl-imsemmi att, jirriżulta illi fil-kolonna intestata ismijiet mogħtijin, missier l-attur jismu Luigi

Francesco Autilia u fil-kolonna intestata "isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" isem missier l-attur jaqra Francesco.

3. Illi dejjem eżistenti konfużjoni fir-rigward ta' l-isem proprju ta' missier l-attur billi filwaqt illi fid-dokumenti uffiċjali huwa kien jissejjaħ Luigi, man-nies huwa kien magħruf bħala Francesco. Jirriżulta illi whud mid-dokumenti uffiċjalment huwa dejjem kien magħruf bħala Luigi.

4. Illi l-estratt li joħroġ ir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex, minn l-att tat-twelid fuq imsemmi numru ħames mija u disgħa u disgħin (599) ta' l-elf disa' mija u sebgħa (1907) fil-kolonna intestata isem il-wild, iġib l-isem ta' Francesco.

5. Illi dan qiegħed joħloq konfużjoni u din il-kolonna għandha taqra 'Luigi sive Francesco' kif di piu' hemm imniżżel fl-att tat-twelid innifsu.

6. Illi l-attur huwa wkoll hu Lucy Calleja illi mietet xebba fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u twieldet fl-ewwel (1) ta' Diċembru ta' l-elf disgħa mija erbgħa u erbgħin (1944).

7. Illi l-att tat-twelid ta' l-imsemmija Lucy xebba Calleja hyuwa reġistrat permezz ta' l-att numru disa' mija sebgħa u għoxrin (927) ta' l-elf disa' mija erbgħa u erbgħin (1944) fir-reġistru pubbliku għal Għawdex.

8. Illi dan l-att tat-twelid huwa skorrett illi isem u kunjom il-missier jaqra bħala Francis Calleja meta dan kellu jkun Luigi sive Francesco.

9. Illi fil-fatt dokumenti oħra bħal ma huma d-denunzja ta' l-imsemmi Luigi sive Francesco Calleja juru l-isem tal-missier bħala Luigi sive Francesco. Similment atti oħra uffiċjali relattivi għal ulied l-imsemmi Luigi sive Francesco Callja kollha juru illi isem il-missier kien Luigi.

10. Illi dan ir-rikors qed isir u qed jiġi kkonfermat bil-ġurament minn Louis Calleja li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna illi fl-estratt illi joħroġ mir-reġistru pubbliku għal Għawdex dwar it-twelid ta' Luigi sive Francesco Calleja li huwa fiċ-ċertifikat tat-twelid mill-att tat-twelid numru ħames mija u disgħa u disgħin (599) tas-sena elf disa' mija u sebgħa (1907) fil-kolonna isem jew ismijmiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa, ghandu jiġi prodott l-isem Luigi sive Francesco.

2. Tiddikjara illi l-att tat-twelid relattiv għal oħt l-attu bin-numru disa' mija u sebgħa u għoxrin ta' l-elf disa' mija u erbgħa u erbgħin huwa skorrett billi fil-kolonna intestata isem u kunjom tal-missier, l-isem tal-missier għandu jkun Luigi.

3. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid billi fil-kolonna intestata isem u kunjom tal-missier u kull fejn jinkorri dan l-isem dan għandu jaqra Luigi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut li minn issa jinsab inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti kollha annessi mar-rikors ġuramentat, u ċioe' dokument A, att tat-twelid sħiħ ta' Luigi sive Francesco Calleja; id-dokument B, estratt minn l-att tat-twelid ta' Luigi Calleja;
Id-dokument C, ċertifikat tat-twelid ta' Lucy xebba Calleja;
Id-dokument D, estratt minn l-att tat-twelid ta' Louis Calleja;
Id-dokument E, estratt minn l-att tal-mewt ta' Anthony Calleja; u
Id-dokument F, Estratt mid-denunzja tas-suċċessjoni ta' Luigi Calleja.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex li permezz tagħha eċċepixxa :

1. Illi mill-kopja tal-att tat-twelid ta' missier l-attur, jirriżulta ċarament illi għalkemm fil-kolonna intestata ismijiet mogħtijin, missier l-attur jismu Luigi, Francesco, Autilio, fil-kolonna Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa, l-isem mogħti huwa ta' Francesco, u mhux l-ewwel isem mogħti fil-kolonna l-oħra. Għaldaqstant, l-estratt ta' dan iċ-ċertifikat korrettament jindika bħala isem missier ir-rikorrenti bħala Francesco, peress illi fl-estratt, fil-kolonna Isem il-Wild, jiġu ndikat l-istess isem li jkun hemm imniżżel fil-kolonna Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma tistax issier korrezzjoni fl-estratt taċ-ċertifikat tat-twelid, iżda l-korrezzjoni għandha tintalab dwar iċ-ċertifikat tat-twelid, liema korrezzjoni imbagħad tiġi riflessa fl-estratt;

3. Illi dwar it-tieni u t-tielet talba, għalkemm huwa ammess illi hemm konfużjoni fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-ulied peress illi xi drabi missier l-attur ġie ndikat bħala Francis u xi drabi ġie ndikat bħala Lewis fuq iċ-ċertifikati tat-twelid ta' uliedu, dawn it-talbiet għall-korrezzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid ta' bintu Lucy ma jistgħux jintlaqgħu, peress illi dwar isem il-missier fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ta' Lucy Calleja ġie ndikat l-istess isem li bih missierha kellu jiġi msejjaħ skont l-att tat-twelid ta' missierha.

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-attur irid jindika jekk l-isem illi jrid jiġi sostitwit huwiex Louigi sive Francesco jew Luigi sive Francesco, kif ukoll jekk il-kunjom huwiex Calleja jew Calleja;

5. Illi stante n-natura tal-każ, il-konvenut esponenti ma għandux isofri danni;

6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-diversi korrezzjonijiet magħmula fir-rikors ġuramentat, debitament notifikati lill-konvenut.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża,

Il-Qorti, billi jidhrilha illi t-talbiet kif magħmula w ikkoreġuti jinsabu ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talbiet, u tiddikjara illi l-att tat-twelid relattiv għal oħt l-attur Lucy xebba Calleja, huwa skorrett billi fil-kolonna ntestata Isem u kunjom tal-missier, l-isem tal-missier għandu jkun Luigi Calleja, u mhux Francesco Calleja.
Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-istess att tat-twelid, u ċioe' l-att bin-numru tar-registrazzjoni disa' mija u sebgħa u għoxrin tas-sena elf disa' mija erbgħa u erbgħin (927/1944), billi fil-kolonna intestata Isem u kunjom il-missier, kull fejn jinkorri dan, l-isem għandu jkun jaqra Luigi Calleja.

Minħabba n-natura tal-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------